MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 456/1996/1

**Hal Mann Limited**

**Vs**

**Joe Vella Brincat**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fid-9 ta’ Frar 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta’ elf u mitejn lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm1200.49) rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ turgien tar-resina, “*cement tiles*”, u materjal iehor lilu mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici, u kif ukoll ta’ xoghol ta’ tqeghid ta’ l-istess, skond il-prospetti annessi u markati bhala Dok. “A” u Dok. “B”;

Premess li l-konvenut naqas li jhallas l-ammont imsemmi, ghalkemm interpellat biex ihallas, ukoll permezz ta' interpellazzjoni ufficjali;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm1200.49, fuq imsemmija, rapprezentanti l-prezz ta' turgien tar-resina, "*cement tiles*" u materjal iehor lilu mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici, u kif ukoll ta' xoghol ta' tqeghid ta' l-istess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-24 ta' Jannar 1996 u l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fil-21 ta' Gunju 1996 u li fiha eccepixxa:-

1. In linea preliminari, l-irritwalita` ta' l-azzjoni stante li a tenur ta' l-Artikolu 1322 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kellha tigi proposta kontra l-konvenut u martu bhala legittimi kontraditturi;

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-materjal fornut kien difettuz;

3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, il-materjal ikkonsenjat ma kienx tal-kwalita` pattwita;

4. Riferibbilment ghaz-zewg eccezzjonijiet precedenti, il-pretiza ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' xoghol hija wkoll

infondata stante li l-eccipjent m' ghandux ibaghti danni minhabba in-nuqqasijiet ta' l-attur;

5. Ukoll in linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq sollevati, ix-xoghol u l-materjal indikati fic-citazzjoni ma sarux skond is-sengha u l-arti kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

6. Illi minghajr pregudizzju, kien hallas akkont tal-prezz lid-ditta attrici li ghandha tigi kkonsidrata fil-kalkolu tal-bilanc pretiz;

7. Ghar-ragunijiet fuq esposti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez inkluzi dawk tar-risposta ghall-ittra ufficjali tad-ditta attrici;

Il-konvenut irrizerva kwalsiasi azzjoni lilu spettanti ghad-danni kontra d-ditta attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Ottubru 1997 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-kontendenti qablu li l-provi kollha li jingabru f' din il-kawza jkunu applikabbli u jaghmlu stat anke ghal kawza fl-ismijiet "Joseph u Evelyn konjugi Vella Brincat -vs- Hal Mann Limited", citazzjoni numru 696/96, u li qed tigi deciza kontestwalment;

Rat id-digriet ta1-10 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku l-AIC David Pace sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert nominat li tinsab a fol 55 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2005;

Rat ir-risposti bil-miktub ta’ l-espert relatur pprezentati fid-19 ta’ Mejju 2006 ghad-domandi tal-konvenut;

Rat l-affidivat ipprezentat u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici ntavolata fid-9 ta’ Ottubru 2006, u n-nota responsiva tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta’ Dicembru 2006;

Rat l-atti kollha tal-process, kif ukoll dawk tal-kawza l-ohra fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

F’ din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta’ somma komplessiva rapprezentanti bilanc ta’ kreditu dovut fuq zewg kuntratti ta’ ftehim formanti parti mill-kawza bejn l-istess partijiet, ghalkemm fl-ismijiet inversi (Citazz. Nru 696/96) , u li skond id-diversi verbali in atti kienu qeghdin jinstemghu flimkien;

Huwa ferm logiku illi din il-Qorti ma tistax ma titlaqx mill-konkluzjonijiet taghha f’ dik il-kawza l-ohra. Dawk, cjoe, ta’ l-ezistenza tad-difetti fil-madum komprat skond l-ewwel kuntratt tat-3 ta’ April 1995 u l-eskluzjoni ta’ tali difetti f’ dak l-iehor mixtri fl-4 ta’ Lulju 1995 intiz ghat-tarag tal-fond tal-konvenut;

Issa jekk wiehed isegwi x-xhieda ta’ Jacqueline Chetcuti ta’ l-Accounts Department tas-socjeta` attrici, riferibilment ghall-ewwel kuntratt, il-konvenut kien ghad baqalu jhallas bilanc ta’ tliet mija u hames liri, tmienja u ghoxrin centezmu (Lm305.28). Invece, fil-kaz tat-tieni kuntratt, il-

bilanc hekk dovut huwa ta' tmien mija hamsa u disghin lira u ghoxrin centezmu (Lm895.20);

Bla dubju daqskemm il-konvenut mhux tenut ihallas bilanci ghall-materjal li rrizulta vvizzjat, daqstant iehor hu mistenni illi materjal mixtri, u teknikament accertat li hu tajjeb fil-kwalita` essenzjali tieghu, ghandu jkun sodisfatt bil-hlas debitu. Hi korretta ghalhekk il-konkluzjoni raggunta fil-perizja illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha, limitatament pero` fis-somma ta' tmien mija u hamsa u disghin lira u ghoxrin centezmi (Lm895.20);

Jifdal ghalhekk li tigi konsiderata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ta' l-irritwalita` ta' l-azzjoni ghal motiv illi l-azzjoni ma gietx proposta wkoll kontra martu kif irid l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili. Eccezzjoni din li jkollu jinghad dwarha illi, imbaghad, ma gietx dibattuta kif jixraq mill-konvenut li ssollevaha;

Kjarament, l-akkwist mill-konvenut tal-madum minghand is-socjeta` attrici jaghmel iz-zewg kontrattazzjonijiet regolati bl-Artikolu 1322 (3) (g) tal-Kapitolu 16 in kwantu dan jikkwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja "l-akkwist ta' proprjeta` mobbli … … … li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel". F' sitwazzjoni bhal din il-ligi hi ben esplicita. Kemm it-twettiq ta' l-att innifsu, kif ukoll il-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar tali att "imissu liz-zewg mizzewgin flimkien" (subinciz 2);

Issa fil-kaz prezenti jidher li l-kuntratti ta' ftehim saru mill-konvenut wahdu u mhux ukoll minn martu. Dan pero` ma jgibx li tali atti, trattasi ta' mobbli, huwa potenzjalment nulli jew annullabbli in kwantu huwa evidenti, anke mix-xhieda ta' Evelyn Brincat, mart il-konvenut, fil-kawza l-ohra, illi din irratifikat dak kollu li ghamel zewgha [Artikolu 1326 (5)] u dan igib li l-komunjoni ta' l-akkwisti taghmel tajjeb ghall-pretensjoni tal-kredituri. Ara "**Strand Marina Limited -vs-**

**Simon Borg Bartolo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Marzu 2003 per Imhallef Caruana Demajo;

Hu veru li hawnhekk mart il-konvenut ma gietx ukoll imharrka u lanqas issejhet fil-kawza. Dan pero` ma jaghmelx l-azzjoni irritwali. Al piu`, ankorke il-kreditu ma jitqiesx piz fuq il-komunjoni, s-socjeta` attrici kreditrici dejjem ghandha l-jedd, in forza ta' l-Artikolu 1329 (1) Kodici Civili, li tissodisfa in linea preliminari dak il-kreditu taghha fuq il-beni personali tal-konvenut u *in subsidium* kontra l-valur ta' sehmu mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Jigi ghalhekk li thares minn fejn thares lejha l-eccezzjoni sollevata ma tistax titqies sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi t-talba tas-socjeta` attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma bilancjali ta' tmien mija u hamsa u disghin lira Maltija, u ghoxrin centezmu (Lm895.20) ghal materjal fornut bil-kuntratt ta' l-4 ta' Lulju 1995, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (4 ta' Gunju 1996). L-ispejjez gudizzjarji jitbatew kwinta (1/5) parti mis-socjeta` attrici u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------